**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 9**

**Avviz numru 1529/99mm**

**Image 2000 Ltd**

**Vs**

**Joseph Formosa**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Ottubru, 1999, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallasha s-somma ta' erba' mija u erbatax-il lira Maltin (Lm414.00) rapprezentanti kwantu ghal tliet mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm327.75) ammont lilha dovut ghall-servizzi ta' disinn, scanning u setting ta' reklami u artikoli ghall-gazzetta 'The Malta Post' u r-rimanenti sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm86.25) ammont lilha dovut ghall-servizzi ta' disinn, scanning u setting ta' reklami u 're-touching u

editjar fuq Mappa tat-Turisti, liema servizzi gew provduti fuq istruzzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjez tal-prezentata ta' l-Avviz, tal-ittra bonarja tas-26 ta' Awissu, 1999, u bl-imghax legali mis-26 ta' Gunju, 1999, data tal-invoices relattivi, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ammont mitlub mhux dovut minhabba x-xoghol hazini li sar nuqqas ta' proof reading u korrezzjonijiet mehtiga li qatt ma saru.

2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju stante n-nuqqas ta' professjonalita' u serjeta' tas-socjeta' attrici fix-xoghol u servizzi taghha mhux talli l-'adverts' gew stampati skorretement izda bhala rizultat tal-agir tas-socjeta' attrici l-konvenut ma thallasx mill-klijenti tieghu ghall-'adverts' skorretti li saru u il-konvenut safra danni ngenti billi konsegwentement tilef ukoll hafna mill-klijentela regolari tieghu;

3. Inoltre fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa eccessiv, zbaljat u skorrett  u ghalhekk mhux dovut.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro talba tal-konvenut:

Peress illi bix-xoghol hazin, zbalji, nuqqas ta' proof reading u korrezzjonijiet mehtiega li gew injorati, s-socjeta' attrici kkagunat danni ghad-detriment tal-konvenut li ma setghax jigbor l-ammont dovut lilu ghall-advertising li sar mill-klijenti tieghu fil-pubblikazzjoni;

Peress illi inoltre l-konvenut, minhabba n-nuqqas ta' professjonalita' u serjeta' tas-socjeta' attrici, tilef ir-reputazzjoni tieghu bhala publisher;

Tghid ghalhekk is-socjeta' attrici ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tikkundannha thallas lil Joseph Formosa ghan-nom ta' Diamond Publications l-ammont ta' tmien mija u sebghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm870.70) rapprezentanti danni kkagunati lilu mis-socjeta' attrici.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ghall-kontro talba tal-konvenut fejn is-socjeta' attrici eccepiet:

1. Illi t-talbiet tal-konvenut kontenuti fil-kontro talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-inkatrigu tas-socjeta' attrici gie esegwit skond is-sengha u l-arti u b'mod professjonali u ghalhekk l-istess socjeta' attrici ma kkagunat ebda danni lill-konvenut.

2. Illi s-socjeta' attrici qatt ma kienet imqabbda mill-konvenut sabiex taghmel proof reading - u fil-fatt mhux xoghol is-socjeta' attrici li taghmel il-proof reading – izda kienet imqabbda biss biex taghmel il-lay out, scanning u design tal-pubblikazzjoniijiet mertu ta' din il-kawza.

3. Illi fil-fatt il-proof reading sar minn Josephine Jain, li giet imqabbda mill-konvenut propjament ghal l-iskop li taghmel il-proof reading u kienet hija stess li approvat li l-pubblikazzjoniijiet setghu jghaddu ghall-istampar.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' attrici giet imqabbda mill-konvenut sabiex taghmel xoghol ta' *scanning* u xoghol iehor in konnessjoni ma' pubblikazzjoni ta' gazzetta maghrufa bhala 'The Malta Post' fis-Sajf, ta' l-1999.

Bhala ntermedjarju jew *liason officer* bejn il-konvenut u is-socjeta' attrici kien hemm Josephine Jain illi kienet taghmilha ta' *proof reader* u kellha wkoll certa awtorita' fl-azjenda mmexxija mill-konvenut.

Tant hu hekk illi f'ittra li hija esebita a Fol. 80 Josephine Jain tiffirma, "On behalf of Diamond Publications."

Marica Mizzi wahda mid-diretturi tas-socjeta' attrici xhedet illi l-konventu kien baghatilha diskette tal-pubblikazzjoni u li Josephine Jain kienet *proof reader*. Is-socjeta' attrici ma kinitx responsabbli ghat-*text* u l-izbalji ma sarux mis-socjeta' attrici izda minn Josephine Jain li ma nnottatx dawn l-izbalji meta kienet qeghda taghmel il-*proof reading*.

Ms Mizzi qalet illi damu hafna zmien jahdmu fuq din il-pubblikazzjoni u x-xoghol anki kien jibqa' sejjer sa' l-erbgha ta' filghodu u fl-ahhar tlett ijiem kien hemm pressjoni kbira fuqhom sabiex ilestu din il-pubblikazzjoni fil-hin. Qalet ukoll li Josephine Jain kienet dejjem prezenti f'kull stadju tax-xoghol, kienet prezenti meta kienu qeghdin isiru l-korrezzjonijiet u kienet prezenti wkoll meta dawn il-korrezzjonijiet gew maghmula fuq il-kompjuter u rat dawn il-korrezzjonijiet fil-*printout* kif gie effettivament mahrug.

Dan il-*printout* kien sodisfacenti ghall-konvenut illi approva l-pubblikazzjoni tieghu. Ms Mizzi tghid illi mbaghad ghamlet kollox fuq diskette u taghtu lill-konvenut biex min-naha tieghu jibaghatu ghand l-istampatur. Tghid ukkoll illi jekk kien hemm xi zbalji dawn huma attribwiti nettament ghal Josephine Jain illi ma ndunatx illi kien hemm aktar zbalji minn dawk illi kkorregiet.

Il-konvenut min-naha l-ohra, filwaqt illi jghid illi l-ammont mhux kontestat (Fol.77) jikkonferma (Fol.60) illi rcieva l-*proof* minghand Josephine Jain, li kienet tiehu hsieb l-amministrazzjoni tas-socjeta'.

Josephine Jain kellha wkoll il-kompitu li tiehu l-*proof* ghand il-klijenti sabiex japprovawhom.  Saru hafna *meetings* bejnu, Josephine Jain u s-socjeta' attrici, sakemm fl-ahhar gie approvat *final draft*.  Gara pero' li l-pubblikazzjoni ma rriflettitx dan il-*final draft*.

Il-konvenut jghid testwalment, "…wara li konna ftehmna fuq il-korrezzjonijiet u ghaddejnihom lis-socjeta' attrici dawna tawna *printout* bil-prodott kif kellu jkun bil-korrezzjonijiet u dana l-prodott kien korrett.  Ma kellna l-ebda lment dwaru.  Rajna illi dawn il-korrezzjonijiet kienu gew inkluzi f'dan il-*proof* li kienu tawna."

Il-konvenut jghid li l-izball sar min-naha tas-socjeta' attrici meta l-korrezzjonjijet gew biex ikunu nkluzi fid-diskette, fejn jidher illi hemmhekk saru xi zbalji u fid-diskette ma tnizzlux il-korrezzjonijiet kollha.  A Fol. 78, pero' l-konvenut jghid illi meta Josephine Jain marret ghand is-socjeta' attrici u ikkorregiet l-izbalji, Josephine Jain irrapurtat lilu illi kollox kien sew, "Ghalhekk mort lura l-ufficini ta' l-Image 2000 b'dan il-*proof* kif korrett, tellghu din il-pubblikazzjoni fuq il-kompjuter, gew ikkorreguti fuq istruzzjonijiet ta' l-istess Josephine Jain."

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi jidher car illi Josephine Jain setghet tghati kontribut hafna utli ghal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti dwar il-kawza.  Dina kienet il-*go-between* bejn il-konvenut u is-socjeta' attrici.  Ghamlet hafna xoghol ghal din il-pubblikazzjoni u hadet ukoll x'inizjattivi.  Ma hemmx dubbju illi Josephine Jain kellha awtorita' sabiex tiehu decizjonijiet ghan-nom tal-konvenut.  Dana johrog car

kemm mill-ittra a Fol. 80 tal-process, kif ukoll mill-involviment taghha tul din il-procedura kollha, inkluzi d-dokumenti illi hemm esebiti minn Fol.18 'il quddiem fejn juru l-*lay out* tal-pubblikazzjoni, liema *lay out* giet mahduma mill-istess Josephine Jain bil-koperazzjoni tas-socjeta' attrici.

Il-konvenut jghid illi meta huwa giet moghti l-ahhar *proof* kien kollox korrett. Dan il-*proof* gie mghoddi lil Josephine Jain li mbaghad hadmet mas-socjeta' attrici sabiex johrog il-prodott finali. Il-konvenut f'dak l-istadju ma kienx prezenti u halla kollox f'idejn Josephine Jain.

Is-socjeta' attrici min-naha l-ohra tghid illi hija ghamlet u wettqet l-istruzzjonijiet kollha li gew moghtoija lilha minn Josephine Jain u jekk kien hemm xi zbalji dawna kienu dovuti ghal xi *oversight* ta' l-istess Josephine Jain u mhux taghhom, peress illi huma fi kwalunkwe kaz ma kienu awtorizzati jbiddlu t-*text* jew idahhlu xi forma ohra f'dawn ir-reklami oltre dawk illi gew issuggeriti lilha minn Josephine Jain.

il-Qorti rat kopja ta' din il-pubblikazzjoni illi hemm esebita f'dawn l-atti, liema kopja tindika illi sar hafna xoghol ta' *scanning, printing* kif ukoll *colour separation* sabiex johrog dan il-prodott finali.

L-ilment tal-konvenut m'huwiex tant fuq il-kwalita' tal-prodott li jidher wiehed sodisfacenti, tant li saru xi nuqqasijiet fit-*text*. Dawn in-nuqqasijiet, is-socjeta' attrici qeda tattribwihom nettament fuq spallejn Josephine Jain.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidhrilha li s-socjeta' attrici lahqet dak il-grad ta' prova rikjesta mil-Ligi ghas-success ta' l-istanza taghha.  Hu probabbli, illi l-izbalji setghu kienu attribwiti ghal xi nuqqas ta' Josephine Jain, illi mehud kont il-pressjoni illi kien hemm sabiex il-pubblikazzjoni tohrog fil-hin, xi zbalji setghu sfuggew kemm lil Josephine Jain kif ukoll lill-konvenut.

Minkejja li l-konvenut kien prezenti ghal hafna mil-laqghat, dana ma kienx prezenti waqt il-*proof reading,* liema xoghol sar esklussivament minn Josephine Jain.  Ma hemmx dubbju wkoll li s-socjeta' attrici wettqet il-korrezzjonijiet kollha li gew issuggeriti lilha, tant hu hekk li l-konvenut stqarr illi meta ra l-*proof* dina kienet sodisfacenti u accettabbli ghalih.  Bejn dan l-istadju u il-pubblikazzjoni ghandek l-intramissjoni ta' Josephine Jain li hadet il-*proof* lura ghand is-socjeta' attrici u li kienet prezenti waqt li din is-socjeta' kienet qeda taghmel il-korrezzjonijiet.  L-istess Josephine Jain irrapurtat lura lill-konvenut li kollox kien sewwa.

Ghalhekk il-Qorti tifhem, illi hemm il-probabbilita' li kien f'dak l-istadju illi saru xi zbalji illi allura gew riflessi fil-pubblikazzjoni finali.  Il-Qorti ma jidhirlhiex li ghal dawn l-izbalji ghandha tkun responsabbli s-socjeta' attrici li tidher li wettqet ix-xoghol taghha b'diligenza skond l-arti u is-sengha u skond l-istruzzjonijiet illi gew moghtija lilha mill-konvenut u mir-rapprezentant tieghu.

Ghal dik illi hija l-kontro talba tal-konvenut, filwaqt illi lmenta illi tilef xi klijenti, jghid biss illi tilef tmien mija u sebghin lira Maltin u sebghin

centezmu (Lm870.70).  Ma gab l-ebda prova dokumentarja sabiex jiggustifika dan l-ammont u jispjega lill-Qorti x'wassal ghal tali cifra.

Il-konvenut huwa pjuttost nebulus meta jigi biex jipprova t-talba tieghu.  Jispjega kif certa klijenti tilifhom ghal kollox u ohrajn wasal biex ghamel l-arrangamenti maghhom.  Dan l-arrangament kien jinvolvi reklam iehor f'pubblikazzjoni ohra minghajr hlas.  Pero' f'liema kuntest u safejn lahaq ic-cifra ta' tmien mija u sebghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm870.70), il-konvenut ma jispjegax.  Ovvjament il-Qorti ma tistax timxi fuq dawk il-provi u stante dawn ic-cirkostanzi m'ghandhiex triq ohra hlief li ccahhad il-kontro talba tal-konvenut.

Barra minn hekk is-socjeta' attrici qeda titlob ukoll il-hlas ta' sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm86.25) ammont lilha dovut ghall-servizzi ta' disinn, *scanning* u *setting* ta' reklami u *re-touching* u editjar fuq Mappa tat-Turisti, liema servizzi gew ipprovduti fuq istruzzjonijiet tal-konvenut.  Fuq dan l-ammont is-socjeta' attrici ftit li xejn tat informazzjoni.  Qalet biss illi kienet giet ikkommissjonata li taghmel din il-mappa, liema mappa kienet sodisfacenti ghall-konvenut u ma jidhirx illi kien hemm xi problemi bejnithom.

Marica Mizzi ghan-nom tas-socjeta' attrici tghid illi minhabba s-success ta' din il-mappa l-konvenut kien qabbad lilhom sabiex jahdmu din il-pubblikazzjoni maghrufa bhala 'The Malta Post'.  Imkien fix-xhieda taghha ma ssemmi din ic-cifra ta' sitta u tmein lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm86.25) hija dovuta.

Ghalhekk il-Qorti il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief, ghal dak li jirrigwarda ghal dan l-ahhar ammont it-talba attrici m’ghandhiex tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddieciedi billi filwaqt illi tichad il-kontro talba tal-konvenut, tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenut illi jhallasha s-somma ta’ tliet mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm327.75) ammont lilha dovut ghall-servizzi ta’ disinn, *scanning* u *setting* ta’ reklami u artikoli ghall-gazzetta ‘The Malta Post’, liema servizz gie pprovdut fuq istruzzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Deputat Registratur